**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 290/2015AM

Numru fuq il-Lista: 12

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Dako Erion (ID 70245A)**
**Watergate, Flat 9**
**Triq Victor Denaro,**
**Msida**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-16 t'April, 2015 permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet l-hlas ta' tlett elef mitejn u wiehed u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,231.25c) in konnessjoni ma` 79628862 (AC 402221965); illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt; illi

nterpellata sabiex jghaddi ghal hlas, l-konvenut baqa` nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-ispejjez u drittijiet inkluz dawk in konnessjoni ma` ittra ufficjali 899/14 u bl-imghaxijiet legali sa mill-14 ta' Mejju, 2014 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni fl-ammont ta' elfejn disgha mija u wiehed u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,981.25c) prezentata mis-Socjeta` attrici fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 u l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li permezz tieghu xehdet li tali ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta attrici s-somma tal-hlas ta' elfejn disgha mija u wiehed u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,981.25c) bilanc ta' somma akbar, bl-ispejjez u drittijiet inkluz dawk in konnessjoni ma` ittra ufficjali 899/14 u bl-imghaxijiet legali sa mill-14 ta' Mejju, 2014 data tal-imsemmija ittra ufficjali a karigu tal-istess konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**